# KAŻINI, FESTI U TRADIZZJONIJIET

## Nitkellmu dwar iż-żewġ volumi tal-ktieb bl-isem "Ta' Fuq"



OMAR SEGUNA




Mhux normali li f'din il-paġna ndaħħal ktieb marbut la ma' xi festa u wisq aktar ma' soċjetà mużikali. Naturalment kieku l-ispazju kien jippermetti żgur li kont nagħmel dan, għax anke dawk li aħna komuniment insejħulhom bħala l-"kotba tal-festa" jkollhom informazzjoni imprezzabbli fihom. Nistqarr ukoll li ħafna minn din l-informazzjoni jkun diffiċli ferm biex issibha, sakemm normalment ma ssirx l-istess riċerka.

Min-naħa l-oħra iżda ġieli jiġi ktieb f'idejja li mhuwiex rivista; ktieb li jkun jaqa' taħt il-kategorija jew ta' rumanz, novella, ktieb għat-tfal u riċerka. Ilum ġie f'idejja ktieb ta' riċerka miktub mill-Kavallier Duncan Brincat. Dwar dan tkellimt mal-awtur innifsu , imwieled u joqgħod il-Kalkara li għażel li jħalli dan il-kontribut kbir għal raħal twelidu.

"Ta' Fuq" huwa ktieb f'żewġ volumi, maħruġ miċ-Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja u propju dwar l-istess soċjetà mużikali. L-ewwel ħaġa li laqtitni kif ftaħt f'idejja dawn iż-żewġ volumi hija r-riċeka estensiva, id-dokumentazzjoni oriġinali dwar dan ir-raħal tal-Kalkara u anke bosta ritratti li xi wħud minnhom huwa diffiċli mmens li nsibuhom għax kienu jinsabu f'kollezzjonijiet privati. Il-metodoloġija lili tinteressani ħafna, il-kuntatti li għamel l-awtur u f'moħħi jiġini wkoll is-sieghat, jiem u xhur li l-awtur qatta' kemm fir-riċerka u kemm fil-kitba.

Dwar l-esperjenza tiegħu is-Sur Brincat qalli hekk:

"L-interess tiegħi lejn dak kollu li jsawwar l-istorja u l-ambjent soċjo-kulturali tal-Kalkara nibet fija sa minn tfuliti. Minn età żgħira kont nikkollezzjona artikli ta' informazzjoni, filwaqt li aktar tard bdejt riċerka intensiva fil-Bibljoteka Nazzjonali, fl-Arkivji tal-Kurja Arċiveskovili u dawk tal-Parroċċa fost l-oħrajn. Meta fis-sena 2001 ġejt maħtur bħala Segretarju taċ-Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja nibtet l-opportunità li nwettaq riċerka fid-diversi dokumenti li jinsabu fl-arkivju tal-istess Soċjetà, fosthom minuti, korrispondenza u kotba finanzjarji, li diversi minnhom imorru lura sa mit-twaqqif tagħha nhar l-1 ta' Ġunju 1897. Matul is-snin, permezz ta' din ir-riċerka bdejt noħroġ artikli varji fir-rivisti maħruġa mill-istess Soċjetà, sakemm fl-2020, b'inizjattiva tal-Kumitat tas-Soċjetà fl-okkażjoni tal-125 anniversarju, bdejt naħdem fuq kitba riċerkata li tinkorpora l-istorja tas-Soċjetà. Dan wassal ukoll li navviċina familji diversi anki biex din il-pubblikazzjoni tistgħana b'ritratti esklussivi."

Kull riċerka hija ambjentata. U dan huwa ktieb ambjentat fil-Kalkara, iżda bosta ġrajjiet imsemmija huma marbuta intrinsikament mal-interess nazzjonali. Ngħidu aħna l-Gwerra; Fil-fatt laqtuni ħafna żewġ ritratti sbieħ immens li min jaf kemm iġibu emozzjonijiet: paġna 264, il-kampnar bit-tiġrif tal-gwerra madwaru u f'paġna 273 insibu ritratt uniku pprovdut għal dan il-ktieb tat-tniżżil tal-qniepen. Ovvjament bħalissa l-istaġun tal-Festi, festi li nsibu fil-lokalitajiet kollha. F'paġna 77 nsibu li fl-10 ta' Lulju 1898 kien jum l-ewwel festa titulari. Il-Kalkara, u lanqas is-soċjetà Sagra Familja mhumiex f'iżolament, iżda fihom biss wieħed jista' jifhem ħafna dwar l-iżvilupp tal-kultura u t-traduzzjoni Maltija anke f'dan il-qasam. Is-Sur Brincat qalli:

"Nistgħu bla tlaqliq ngħidu li l-istorja tal-Kalkara u allura dik taċ-Circolo San Giuseppe intisġet skont il-ġrajjiet li seħħew mar-radda taż-żmien f'pajjiżna. Dan l-aspett kien wieħed mill-aktar intriganti matul ir-riċerka li għamilt, tant li aneddoti partikulari setgħu jiġu spjegati b'rabta sħiħa ma' dak li kien qed iseħħ b'mod nazzjonali. Ngħidu aħna l-qasma u għalhekk it-twelid ta' każin ġdid fl-1919 kien rifless tal-firda fil-ħsieb li wasslet għas-Sette Giugnio. Aspett ieħor interessanti, minbarra l-Gwerra li matulha l-Kalkara sofriet bil-bosta, kien r-rabta intrinsika mar-Renju Unit u dan l-aktar minħabba l-preżenza tal-Isptar Navali Bighi u l-Ammiraljat fil-Kalkara, fost l-oħrajn. Il-ktieb anki jagħti ħarsa lejn l-iżvilupp tal-kwistjoni politiko-reliġjuża tas-snin sittin kif ambjentat fir-raħal u l-każin."

Qabel ngħaddi għat-tieni taqsima iżda naqtgħalkom il-kurżita' għalfejn dan il-Ktieb jismu Ta' Fuq. Kif qalli l-awtur innifsu "fl-1919 fil-Kalkara nibet it-tieni każin. Minħabba li l-Knisja Parrokkjali preċedenti kienet tinsab fiċ-ċentru ta' Triq ir-Rnella, iż-żewġ każini ġew imlaqqma "ta' fuq" għax Circolo San Giuseppe kien jinsab fl-inħawi ta' fuq, u l-ieħor "ta' isfel" għax kien jinsab fl-inħawi tax-xatt. L-isem tal-ktieb ibbażajtu fuq il-fatt li din it-terminoloġija baqgħet tintuża fl-istatuti tas-Soċjetà matul iż-żminijiet, tant li jekk il-każin ixolji, l-assi jiġu rilaxxati biss jekk jiġi biex jinfetaħ każin ieħor mill-Knisja l-antika 'l fuq."

### Il-Festi u s-sehem tas-soċjetajiet mużikali

Is-soċjetajiet mużikali huma ta' interess kbir fil-kultura u t-tradizzjonijiet Maltin. Il-baned bdew, minn ftit riċerka li għamilt, billi kienu jagħtu gost lin-nies fiż-żmien l-Imperu Ingliż u f'pajjiżna biż-żmien dawn twaħħdu mal-festi reliġjużi. Fi żmien qasir dawn infirxu u għadhom sal-ġurnata tal-lum joffru, qed ngħid għall-baned, dan is-servizz kulturali. Bosta Każini, fosthom dak Sagra Familja, għandhom ukoll il-funzjoni li jorganizzaw il-festa, u dan grazzi għal numru ta' voluntiera li għadhom sal-lum jagħtu daqqa t'id. Dwar dan is-Sur Brincat qalilna:

"Is-Soċjetà twaqqfet minn erba' fundaturi li ħarġu £5 kull wieħed fl-1897 bl-għan li sservi bħala każin soċjali, kif kien normalment iseħħ f'diversi rħula. Madankollu, bit-tisħiħ tal-festa titulari ta' San Ġużepp speċjalment fil-bidu tas-seklu għoxrin, malajr nibtet funzjoni oħra. Dan wassal biex fil-każin inħoloq nukleju ta' persuni nkarigati minn aspetti differenti: uħud bdew jitgħallmu l-mużika u twaqqfet orkestra, oħrajn bdew jagħtu sehmhom fl-armar u jżanżnu proġetti ġodda, filwaqt li sezzjoni oħra bdiet tieħu ħsieb in-nar. Bissaħħa ta' dawn il-voluntiera l-festa Kalkariża bdiet tikber minn sena għal oħra"

Issa kif nafu, f'ħafna rħula nsibu każini dedikati għal qaddisin differenti u f'xi drabi anke jorganizzaw festa oħra. Ngħidu aħna Ħaż-Żeb-